MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 28/2006

**Philippa sive Filippa Elsallak nee' Chircop**
**vs**
**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

.

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-atti tar-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet illi:

Illi l-esponenti ghaddejja proceduri kriminali fuq zewg akkuzi, wahda talli kellha fil-pussess taghha droga f 'cirkostanzi tali li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussv taghha; it-tieni, talli forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina.

Illi hija nstabet hatja b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u appellat mis-sentenza quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi l-esponenti taghmel riferenza ghall-fatti tal-kaz li gara fit-30 ta' Awissu 2000, mertu ta' dawn il-proceduri kriminali, kif jemergu mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Settembru 2005.

Illi x-xhieda moghtija mill-Pulizija nvoluti turi illi, meta huma marru fuq il-post, l-ewwel arrestaw lil Raymond Borg u saret tfittxija fuqu, imbaghad Raymond Borg beda jghajjat u jinstiga lil Claire Borg biex hija ma tiftahx il-bieb tal-post fejn kienu joqghodu dawn it-tnejn, cioe' 70, Flat 2, Triq Ir-Rebha, Gzira, u sussegwentement Claire Borg ippruvat izzomm il-bieb milli jinfetah u l-Pulizija baqghet diehla bil-forza. L-esponenti remiet mit-tieqa xi qratas tad-droga fuq istigazzjoni minn Claire Borg. Aktar kmieni, fil-Belt, l-esponenti – li dak il-hin kienet akkompanjata minn Claire Borg fil-karozza taghha – kienet tat Lm150 lil persuna, MM filwaqt li MM tatha borza tad-droga. L-esponenti kienet silfet Lm150 lil Claire biex din tkun tista' tixtri din id-droga billi Claire kienet migugha bil-kilba ghad-droga. Imbaghad gie Raymond Borg u ha zewg pakketti. L-esponenti kkonfermat li hi ma kienet ser taghmel l-ebda gwadann finanzjarju izda xtratha ghal Claire Borg ghaliex din kienet "*sick*". Wara gew il-Pulizija.

Illi sa aktar minn sena wara li l-esponenti tressqet quddiem il-Qorti bl-arrest, Claire Borg u Raymond Borg ma kienux ghadhom tressqu mill-Pulizija. Il-Pulizija ghazlet li tressaq lill-esponenti bil-ghan li tikseb sejbien ta' htija fil-konfront taghha l-ewwel. L-imgieba tal-Pulizija tidher aktar stramba meta jitqies illi l-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghaz-zewg xhieda Claire Borg u Raymond Borg. Dan juri li l-Prosekuzzjoni riedet taddossa l-parti l-kbira tal-htija fuq l-esponenti minflok fuq il-persuna jew persuni li kienu d-destinatarji tad-droga. Minn naha taghha, l-esponenti ma setghetx tressaq bhala xhieda f'dawn il-proceduri kontra taghha liz-zewg komplici Claire Borg u

Raymond Borg peress illi l-proceduri kontra taghhom kienu ghadhom pendenti u allura kellhom id-dritt li jigu ezentati milli jirrispondu ghal mistoqsijiet li jsirulhom li bihom huma setghu jinkriminaw ruhhom.

Illi l-imgieba tal-Pulizija hija nkomprensibbli meta jitqies illi l-esponenti rrilaxxjat stqarrija li fiha ammettiet is-sehem taghha, filwaqt li z-zewg persuni l-ohra fl-istqarrijiet taghhom lill-Pulizija ma wiegbux ghad-domandi li sarulhom. Il-Pulizija ghazlet li tressaq lill-esponenti quddiem il-Qorti b'urgenza u taht arrest, filwaqt li z-zewg komplici l-ohra tressqu wara aktar minn sena u ma tressqux taht arrest.

Illi peress illi l-latitudni mhollija mill-legislatur f'idejn il-gudikant rigward il-piena applikabbli hija wiesgha konsiderevolment (minn sitt xhur sa ghaxar snin), din l-ghazla maghmula mill-Pulizija tincidi serjament fuq il-piena li tista' tigi nflitta fiq l-esponenti.

Illi l-ghazla maghmula mill-Pulizija qed twassal ghal pregudizzju u ingustizzja konsiderevoli peress illi l-esponenti identifikat lis-*supplier* MM u meta giet murija ritratt taghha waqt l-interrogatorju, l-esponenti ffirmat fuqu bhala konferma cara dwar l-indentifikazzjoni tas-*supplie*r MM mal-Pulizija. B'dan il-mod, l-ghajnuna moghtija mill-esponenti lill-Pulizija tirrizulta bl-aktar mod konkret, cioe' bil-firma taghha fuq ir-ritratt li fih kienet tidher il-persuna ta' MM. Izda l-attitudni tal-Pulizija u, in partikolari, x-xhieda moghtija mis-Supretendent Nicholas Ciappara qeghdin iwasslu ghall-preguduzzju u ingustizzja serja, ghaliex dan xehed ''*Iva dak li qed nghid ghax is-section ta' dik il-ligi hija specifikatata li trid tikkonferma bil-gurament u tixhed fil-kaz jekk ikun il-kaz.''*

Illi huwa fatt innegabbli li f'din il-materja ta' kxif ta' l-identita' ta' komplici waqt interrogatorju mal-Pulizija, hemm riskju kbir li l-persuna li tikxef tkun qed tesponi ruhha ghal periklu manifest. Tant dan hu hekk illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha rriferiet ghas-*supplier* bhala MM, minghajr ma semmiet l-isem li bih kienet tkun identifikata. B'hekk jidher li l-Qorti tal-Magistrati apprezzat

li dan il-periklu jezisti bis-serjeta'. Tenut kont dan kollu, ir-riluttanza ta' l-esponenti li tikkonferma bil-gurament ma kienitx wahda kappriccjuza izda rizultat ta' biza mill-periklu li l-esponenti tinsab fih.

Illi l-esponenti ma jistax ikollha smigh xieraq kemm –il darba jitqies, kif qalet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha, illi "din il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputata tat xi ghajnuna lill-Pulizija u ghalhekk ma tistax tibbenifika mill-artikou 29 tal-Kap.101.'' Dan, meta l-esponenti, kif intqal, identifikat lis-*Supplier* MM mal-Pulizija sabiex il-pulizija tkun tista' tipprocedi skond il-ligi u kif mistenni mill-ligi. Izda minflok, minkejja l-informazzjoni preciza li l-Pulizija nghatat f'idejha mill-esponenti, il-Pulizija baqghet ma nvestigatx lil dik il-persuna avolja ghadda hafna zmien u difatti MM la giet arrestata u lanqas tressqet quddiem il-Qorti wara tant snin.

Illi jigi notat illi l-Qorti tal-Magistrati osservat f'pagna 5 tas-sentenza taghha illi "Skond dan l-artikolu, biex imputat jibbenifika minnu, huwa jrid ikun ghen lill-Pulizija biex tinqabad il-persuna li tkun ghaddietlu d-droga. Din il-prova ghandha tkun dikjarata mill-Prosekuzzjoni - haga li ma ghamiltx f'dawn il-proceduri – jew inkella l-imputat jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat ghen lill-Pulizija.'' Sa hawn m'hemm xejn inkompatibbli mad-drittijiet ta' persuna li tkun ghaddejja proceduri kriminali. Izda mbaghad il-Qorti tal-Magistrati, minkejja li kellha quddiemha prova cara illi l-esponenti identifikat lis-*supplier*, kif ukoll illi, meta giet murija ritratt taghha waqt l-interrogatorju, l-esponenti ffirmat fuqu bhala konferma cara dwar l-identifikazzjoni tas-*supplier MM,* il-Qorti tal-Magistrati kkonkludiet li, minhabba li quddiem il-Magistati Inkwirenti l-esponenti semmiet persuna ohra, "il-Qorti mhux f'pozizzjoni li tghid li l-imputata ppruvat li ghenet lill-Pulizija.''

Illi tenut kont tal-biza u periklu attwali ghall-hajja li segwew l-identifikazzjoni ta' MM maghmula mill-esponenti mal-Pulizija, din il-konkluzjoni hija nkompattibbli mad-dritt ta' l-esponenti ghal smigh xieraq.

Illi, barra minn hekk, il-Pulizija giet imqeghda f'pozizzjoni fejn, minkejja li tkun hadet l-informazzjoni mehtiega minghand l-esponenti biex tinqabad persuna li tkun ikkommettiet ir-reat ta' traffikar u tkun tista' tressaq quddiem il-Qorti, timpedixxi lil min ikun ikopera maghha milli jibbenifika taht l-artikolu 29 tal-Kap.101.

Illi l-ligi ma tghidx li biex persuna tibbenifika taht l-artikolu 29 tal-Kap. 101 din ghandha tikkonferma l-istqarrija taghha fil-konfront tal-hati jew hatja bil-guramentat izda tipprovdi:

29. *Where in respect of a person found guilty of an offence against this Ordinance, the prosecution declares in the records of the proceedings that such person has helped the Police to apprehend the person or persons who supplied him with the drug, or the person found guilty as aforesaid proves to the satisfaction of the court that he has so helped the Police, the punishment shall be diminished, as regards imprisonment by one or two degrees, and as regards any pecuniary penalty by one-third or one half*.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma tistax tezigi minghand l-esponenti aktar minn dak li tirrekjedi l-ligi. L-istess japplika ghall-Ufficjal Prosekutur. Il-ligi tirrekjedi biss il-prova (a sodisfazzjon tal-Qorti) li l-imputat ghen lilll-Pulizija – haga li ndubbjament ghamlet l-esponenti meta ffirmat fuq ir-ritratt li fih kienet tidher is-*supplier* Kien jispetta lill-Pulizija li tikkonduci l-investigazzjonijiet taghha u tigbor il-provi mehtiega biex tkun tista' ttella' l-Qorti lill-persuna ndikata.

Illi, barra minn hekk, minhabba l-ghazla maghmula mill-Pulizija illi tmexxi l-proceduri kriminali kontra l-esponenti qabel ma' tmexxi l-proceduri kontra Claire Borg u Raymond Borg, il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tas-27 ta' Settembru 2005 ordnat id-distruzzjoni ta' l-esibiti (qratas u oggetti ohra) taht il-harsien tar-Registratur tal-Qrati, u ghalhekk il-prova mehtiega fil-proceduri li hemm pendenti kontra Claire Borg u Raymond Borg mhix ser tkun disponibbli ghal dak il- process.

Illi l-principju li fuqu l-esponenti qed tibbaza l-lanjanzi taghha huwa:

"*It is well established that the guarantee of a fair trial under Article 6 is absolute; a conviction obtained in breach of it cannot stand... The only balancing permitted is in respect of what the concept of a fair trial entails: here account may be taken of the familiar triangular of interests of the accused, the victim and society.* ''

Illi l-premess qed iwassal ghal ksur tal-principju ta' smigh xieraq garantit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Kap. 319.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq ta' l-imsemmija dispozizzjonijiet kostituzzjonali sabiex l-esponenti jkollha smigh xieraq, fosthom billi jigi dikjarat li l-esponenti ghenet lill-Pulizija fis-sens ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u ghalhekk hija ntitolata li tibbenefika minn tnaqqis fil-piena fit-termini ta' l-istess dispozizzjoni.

Rat ir-**Risposta ta' l-Intimati** a fol. 9 tal-process fejn esponew illi:

Illi fl-ewwel lok dan ir-rikors ghandu jigi respint stante illi r-rikorrenti ghadha m'ezawrietx il-mezzi kollha ghad-dispozizzjoni taghha, u fil fatt, jekk l-esponenti m'humiex jizbaljaw, il-kaz taghha ghadu qed jinstema' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li tista' tbiddel is-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Ghaldaqstant, ir-rikors odjern ghandu jigi respint.

Illi fit-tieni lok m'hemm xejn stramb fid-decizjoni tal-Pulizija li tressaq l-ewwel lir-rikorrenti. L-aktar kaz b'sahhtu li kellha u ghad ghandha l-Pulizija, nonostante dak kollu li qed tghid ir-rikorrenti, huwa propju kontra r-rikorrenti Philippa Elsallak. Hija kienet li nqabdet tarmi d-droga, u

ammettiet li kienet hi li hallset ghaliha. Dwar dawn il-fatt m'hemmx dubju. Allura, l-aktar persuna li kellha rabta ovvja mar-reat li twettaq kienet propju ir-rikorrenti. Dwar ir-rwol li setghu kellhom Claire u Raymond Borg, dan ma jirrizultax bic-car u hemm biss l-informazzjoni li tat ir-rikorrenti li tista' tixhet dawl fuq tali rwol, informazzjoni li del resto bilfors li tissuxxita xi dubji rigward il-veracita' taghha stante x-xewqa naturali li jista' jkollha r-rikorrenti li ttaffi l-htija taghha. Barra minn hekk, din certament m'hix l-ewwel darba li l-prosekuzzjoni ddecidiet li tifred il-proceduri ta' akkuzati differenti, kif wara kollox ittiha d-dritt il-ligi tal-procedura Kriminali, u tali fakulta' per se' qatt ma giet ritenuta li tilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu.

Illi, noltre, m'huwiex minnu li l-Pulizija rrinunzjat ghax-xhieda ta' Claire Borg u Raymond Borg. Il-Pulizija kellha diffikulta biex tirrintraccahom. Kien ukoll ghal din l-istess raguni li z-zewg persuni msemmija damu ma jitressqu taht akkuza. Tant hu hekk li kien biss recentement li Claire Borg giet rintraccata u setghet tittella' l-Qorti.

Illi ghalkemm il-gudikant ghandu certa latitudni fl-ghoti tal-piena f'kazijiet bhal dawn l-esponenti jidhrilhom li wiehed ghandu jkollu bizzejjed fiducja fil-gudikanti sabiex japprezza li dawn m'humiex se jinfluwenzaw ruhhom b'fatti mmaterjali bhal per ezempju min tressaq l-ewwel il-Qorti u min dam ma' tressaqx. Dak il-gudikant certament li jqis huma l-provi migjuba quddiemu, inkluz f'dan il-kaz il-fatt li r-rikorrenti ghandha kondotta li turi diversi precedenti fir-rigward ta' reati ta' dan it-tip.

Illi l-pregudizzju li tista' ggarrab ir-rikorrenti gabitu b'idejha u mhux tort tal-Pulizija. Ghar-rigward tax-xhieda tas-Supretendent Ciappara, ghalkemm ix-xhieda tieghu forsi mhix preciza harsa lejn l-artikolu tal-ligi in kwistjoni – l-art. 29 tal-KAP.101 – mill-ewwel turi bic-car li dak li kien qed jirreferi ghalih ix-xhud kien li l-persuna misjuba hatja trid tkun ghenet lill-Pulizija biex tassew jaqbdu lil min ikun ipprovdilha d-droga. L-esponenti jissottometti illi li 'tghin' ma jfissirx necessarjament li l-ghajnuna tal-hati trid twassal ghall-qbid tal-persuni responsabbli, ghax dan jista' ma jsehhx minhabba f'ragunijiet l'hinn mill-kontroll ta' l-

istess hati. Izda certament lanqas ma jfissser li l-persuna li tkun qed tikkollabora tista' zzomm lura milli taghti l-ghajnuna shiha taghha u xorta tikkwalifika ghal tnaqqis fil-piena. Aspettattiva ta' dan it-tip turi nuqqas ta' serjeta'. U huwa propju dan li jidher li qed tippretendi r-rikorrenti, li rriffjutat li tiddentifika fil-Qorti permezz tax-xhieda taghha lil min allegatament fornielha d-droga!

Illi l-esponenti jinsistu li l-fatt li r-rikorrenti ffirmat fuq wara tar-ritratt ta' l-allegat *supplier* ma jikkostitwix ghajnuna bizzejjed lill-Pulizija. Sabiex ir-rikorrenti verament taghti lill-Pulizija l-ghajnuna kollha possibbli kien messha ovvjament identifikat lis-*supplier* bil-gurament. Mhix skuza accettabbli li r-rikorrenti tghid li bezghet, Il-Pulizija kienu jkunu lesti li joffrulha l-protezzjoni taghhom kieku din accettat li tixhed.

Illi ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kellha kull dritt tikkonkludi li r-rikorrenti ma kkoperatx bizzejjed mal-Pulizija. Certament, l-interpretazzjoni tal-gudikant f'dan il-kaz jaghmel sens u xejn ma jikkonfliggi mal-kliem u specjalment ma' l-ispirtu ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Illi ghaldaqstant l-esponent ma jistax remotament jifhem kif jsta' jinghad li nkisru l-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, stante li minn ezami ta' dawn iz-zewg artikoli ma jirrizulta b'ebda mod li d-drittijiet fundamentali ta' l-istess rikorrenti gew miksura.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.

## Eccezzjoni – Rimedju ordinarju

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati wiegbu li dan ir-rikors ghandu jigi respint stante illi r-rikorrenti ghadha

m'ezawrietx il-mezzi kollha ghad-dispozizzjoni taghha, u fil fatt il-kaz taghha ghadu qed jinstema' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li tista' tbiddel is-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA DRITT**

L-eccezzjoni ta' l-intimati timplika li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji ohra li hi setghet tirrikorri ghalihom qabel ma fethet dina l-kawza kostituzzjonjali ghalhekk dina l-Qorti ghandha taghzel li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha biex tisma l-kawza.

L-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, proviso, hu identiku fid-dicitura ghall-proviso tas-subinciz 2 ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) ghalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod il-Qorti fl-uzu tad-diskrezzjoni taghha.

Il-proviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jghid:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra".

Ghalhekk meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti biex ikollha rimedju ghad-dannu li qed tillmenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex aktar disponibbli.

Izda meta r-rikorrenti ma tkunx ghamlet uzu minn rimedju li setgha kellha, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' ser jirrimedja hlief in parte l-lanjanzi tar-rikorrenti[1].

---

[1] Dawn l-principji gew applikati fis-sentenzi Qorti Kost. Dr.M.Vella vs J.Bannister noe; Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet "Paul McKay vs Kummissarju

Il-Qorti tezercita dina d-diskrezzjoni wara li tkun sodisfatta li l-mezzi xierqa ta' rimedji ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna rikorrenti skond xi ligi ohra. Sodisfazzjoni li jehtieg li jkun bazat fuq stat ta' fatt attwali u objettivament stabbilit tad-disponibilita' ta' rimedju ghall-ksur allegat u li, fil-kostatazzjoni tieghu, ma kien jippermetti l-ebda element diskrezzjonali. Id-decizjoni li taghmel dik l-ewwel Qorti dwar jekk huwiex jew le disponibbli, jew jekk kienx jew le disponibbli rimedju xieraq taht xi ligi ohra, hi ghalhekk decizjoni fuq dan l-istat ta' fatt.

Hu biss meta tirrizulta bhala fatt l-accessibilita' ta' rimedji ohra taht xi ligi ohra fit-termini ta' din id-disposizzjoni, li l-Ewwel Qorti tista' tiddelibera jekk kellhiex tiddeklina li tezercita' s-setghat taghha, jekk hekk ikun jidhrilha desiderabbli li taghmel[2].

**Kontestazzjoni**

F'dan il-kaz r-rikorrenti qed taqbel li l-proceduri kriminali kontra taghha ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u li ghad m'hemmx decizjoni finali dwar il-mertu, pero' qed tissottometti li dan ir-rikors kostituzzjonali ghandu jigi deciz qabel il-kawza kriminali billi hija qed tinvoka drittijiet li ghandhom jigu rispettati f'dan l-istadju. Ir-rikorrenti issemmi per ezempju li hija ma setghetx tipproduci quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala xhieda lill Claire u Raymond Borg avolja kienu 'komplici' u dana minhabba l-mod kif ipprocediet il-pulizija kontra taghha u dana billi huma ghad jistghu jaghzlu li ma jixdhux stante li jistghu jittiehdu passi kriminali kontra taghhom. Lanjanza ohra tar-rikorrenti hija dwar jekk hi kelliex tibbenefika miz-zewg gradi minhabba li kienet ghenet lill Pulizija. Ir-

---

tal-Pulizija" u kawza fl-ismijiet Anton Scicluna pro et noe vs Prim. Ministru".deciza fit 21 ta' April, 1995. Ara wkoll sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru et" deciza fis-6 ta' April, 1995.

[2] (ara sentenza E.Zahra vs Awtorita' ta' l-Ippjanar . Kost. 31.5.1999).

rikorrenti tilmenta wkoll li diga saret id-distruzzjoni tad-droga u ghalhekk il-kaz taghha jista’ jigi pregudikat.

B’dan ir-rikors ir-rikorrenti ghalhekk qed tirritjeni li f’dina l-kawza ghandhom jigu stabbiliti l-ghodda li bihom trid tahdem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali billi l-ewwel iridu jigu decizi l-lanzjanzi kostituzzjonali taghha.

Minn naha taghhom l-intimati wiegbu li l-procedura kostituzzjonali hija wahda straordinarja u wiehed m’ghandux jadixxa lill dina  l-Qorti jekk ghandu rimedji ordinarji. Huma jsostnu li r-rikorrenti ressqet l-istess ilmenti f’dan ir-rikors bhal dawk li ressqet quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi meta jinghad li hemm rimedju ordinarju xieraq  dan dejjem ikun qieghed ifisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tad-drittijiet fundamentali li jkunu qed jigu allegati li nkisru jew se jinkisru.

Illi huwa accettat bhala fatt mill-partijiet  li l-proceduri kriminali kontra ir-rikorrenti ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u li ghad m’hemmx decizjoni finali u definittiva dwar il-mertu. Dan ifisser li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kontra r-rikorrenti ghad tista tigi revokata u r-rikorrenti liberata.

F’dina l-kawza r-rikorrenti qed titlob li dina l-Qorti  taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tizgura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet kostituzzjonali sabiex hi jkollha smigh xieraq, fosthom billi jigi dikjarat li l-esponenti ghenet lill-Pulizija fis-sens ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u ghalhekk hija ntitolata li tibbenefika minn tnaqqis fil-piena fit-termini ta’ l-istess dispozizzjoni.

Hi fehma tal-Qorti li l-ilmenti tar-rikorrenti ghadd jistghu jigi rikonsidrati u ezaminati mill-gdid mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bhal ma diga kkonsidrathom l-Qorti tal-Magistrati. Il-fatt li r-rikorrenti ma qablitx mad-decizjoni jew ma’ l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati dwar l-

artikolu 29 tal-Kap 101 ma jfissirx li b'hekk tqajjem xi punti kostituzzjonali li ghandu jigi investit minn dina l-Qorti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghad trid terga taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha u taghti r-ragunijiet taghha jekk taqbilx jew le ma' dak li gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati dwar dana l-punt. Mhux il-kompitu ta' dina l-Qorti li taghti l-interpretazzjoni taghha dwar dan il-punt ta' procedura kriminali jew kif kellha tiddeciedi l-Qorti tal-Magistrati.

Ghalhekk il-Qorti ssib li r-rikorrenti ghad ghandha rimedju ordinarju li hija tista tizzufruwixxi quddiem il-Qorti Kriminali fuq l-ilment principali taghha. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, bhala qrati ohra, trid tara li r-rikorrenti tinghata smiegh xieraq u dana minghajr il-bzonn li dina l-Qorti tiggwida lill dik il-Qorti dwar x'ghandha taghmel f' dak ir-rigward.

L-istess jista' jinghad dwar il-lanjanzi l-ohra imsemmija mir-rikorrenti billi dawn jistghu wkoll jigu rimedjati bl-istess mod mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Infatti l-istess lanjanzi gew sottomessi ukoll quddiem dika l-Qorti u ghad iridu jigu ezaminati minnha. Jekk dina l-Qorti tidhol f'dawk il-kwistjonijiet se jkun hemm dupplikazzjoni f'indagini gudizzjarja. Sakemm ir-rikorrenti mhiex qed tikkontesta l-poteri tal-pulizija f'azzjoni apposita f'dak ir-rigward, dina l-Qorti ma tidholx fil-mertu dwar kif kellha tagixxi l-pulizija, cjoe jekk kelliex l-ewwel tressaq lir-rikorrenti jew inkellha l-allegati komplici l-ohra. Lanqas dina l-Qorti m'ghandha tidhol fil-mertu dwar x'kellha taghmel il-pulizija bid-droga (dwar dan ma hemm l-ebda prova dwar x'gara) meta mhux qed jigu attakkati direttament il-poteri u l-*modus operandi* tal-pulizija.

Fid-dwal ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li ghandha taghzel li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha billi r-rikorrenti ghad ghandha rimedju ordinarju quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali biex il-lanjanzi kollha taghha jigu konsidrati u decizi skond il-ligi. B'dan il-mod hi se jkollha rimedju accessibili u xieraq biex jindirizza l-lanjanzi kollha taghha ghalkemm mhux garantit l-ilmenti taghha bil-fors se jkollhom success.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
taghzel li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha billi r-rikorrent ghad ghandha rimedju ordinarju quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali
Ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------